MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1356/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Alfred Agius abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Alfred Agius [345452(M)]**

**vs**

**Paul Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta’ mitejn u sittin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm260.41),**

**rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Alfred Agius assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mitejn u hamsa u tletin Lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm235.41) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) l-attur Alfred Agius in linea ta' *excess payment,* bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Ottubru, 2002 ghall-habta tas-1.30p.m. gewwa Mikiel Anton Vassalli Street, Gzira, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Alfred Agius, bin-numru ta' registrazzjoni DOV-197 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni JPS-201, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-l4 ta' April, 2004 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-14 ta' April, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-18 ta' Awissu, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'xi toro tal-konvenut, izda sehh unikament tort tas-sewwieq l-iehor Alfred Agius, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Reuben Agius, ex PS441 Louis Micallef u Paul Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ra l-verbal tas-27 ta' Mejju, 2005 li fih il-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta il-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fl-4 ta' Ottubru 2002 ghal habta tas-1:30p.m. gewwa Mikiel Antón Vassalli Street, Gzira bejn il-vettura DOV-197 misjuqa minn Ruben Agius u l-vettura JPS-201 misjuq mill-konvenut.**

**2. Agius stqarr li kien gej mid-direzzjoni tas-Sliema Road, mixi fid-direzzjoni ta' San Gwann u meta qed idur ir-roundabout kien fil-kareggata tan-nofs meta l-konvenut dahal fih fuq in-naha tal-lemin. Il-konvenut stqarr illi wkoll kien gej mid-direzzjoni tas-Sliema Road u ried imur fid-direzzjoni tal-Belt u meta qed idur mar-roundabout kien fil-kareggata ta' hdejn ir-roundabout u ried imur lejn tal-Qroq, meta semgha brakes u sehh l-impatt.**

**3. Fix-xhieda tieghu Agius spjega li kien hemm it-traffic lights hdejn ir-roundabout fejn kien hemm it-tankijiet tal-gas. Jghid illi l-incident sehh mar-roundabout fin-nofs taghha ezatt. Muri l-iskizz Dok RF1 a fol 18 tal-process hu kien fit-tieni kareggata u kif qed idur il-konvenut laqtu fuq in-naha tal-lemin, hu ghafas il-brakee u sswervja lejn ix-xellug. L-istess Agius jghid illi ma jiftakarx jekk kellux indicator mixghul, pero' fl-istess waqt jghid illi xeghel l-indicator lejn il-lemin. Jghid ukoll illi l-ewwel darba li nduna bil-vettura l-ohra kien meta laqtitu.**

**4. Paul Borg il-konvenut jghid illi kien fil-kareggata tan-nofs u l-attur gie b'certa velocita. Skond il-konvenut hu kien l-ewwel wiehed fuq it-traffic lights u karozzi quddiemu ma kienx hemm. Il-konvenut li kif kien ser jaqbad ir-roundabout l-attur ghadda sparat minn quddiemu. Il-konvenut jghid illi kellu l-indicator mixghul biex juri li sejjer lejn ix-xellug.**

**5. L-attur kellu hsara fuq il-genb ta' wara n-naha tal-lemin, filwaqt illi l-konvenut kellu l-hsara fuq il-genb ta' quddiem in-naha tax-xellug.**

**6. Jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu ser jiksru l-kareggata ta' xulxin u z-zewg vetturi kienu qeghdin fil-post zbaljat ghad-direzzjoni li riedu jiehdu. It-Tribunal jirrileva illi fil-post fejn sehh l-incident ma hemmx dubju li wiehed irrid jimanuvra bl-akbar kawtela. It-Tribunal qed jghati certu piz ghas-sottomissjoni maghmula mid-difensur tal-konvenut, fis-sens illi l-**

**brake marks tal-attur jindikaw illi dan ma kienx ghaddej bid-dilgenza neccessarja ghal post in kwistjoni u ghal manuvra li ried jaghmel. Mill-att l-iehor il-fatt illi d-danni huma kif intqal, huwa indikattiv illi l-konvenut da parti tieghu ma kienx qed jipresta bizzejjed attenzzjoni ghal dak it-traffiku li kien hemm ghaddej quddiemu mal-genb tieghu. In-nuqqa ta' deligenza taz-zewg partijiet waslet ghal kollizzjoni li sehhet u fic-cirkostanzi l-partijiet ghandhom jigu ritenuti responsabbli fi grad indaqs ghal incident li sehh.**

**7. Id-danni ma humiex kontestati u ghalhekk jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' mija u tletin lira Maltijta u ghoxrin centezmu (Lm130.20).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jsib lill-partijiet responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh, jikkundanna lill-konvenut ihallas**
**lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltija u ghoxrin centezmu (Lm105.20) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltijta (Lm25). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum sal-hlas effettiv.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------